# SEEING THE WORLD THROUGH NATURE

## SCHOOL WORK SHEETS

## BLOCK 6:

# IL-PASSA TAR-REBBIEGĦA





Seeing the world through nature

## Download the project's app

To complete some of the tasks outlined in the school work sheets you will need our special smartphone app. To download this app, please go to the online app store (App Store for iOS or Google Play for Android) and enter the name "Meet the Birds" in the search field.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



# BLOCK 6
# IL-PASSA TAR-REBBIEGĦA

**Ftit informazzjoni bażika:** Dan is-suġġett jista' jieħu xejriet differenti f'attivitajiet li jistgħu jsiru kemm barra jew ġewwa kif ukoll b'diskussjonijiet.

| DETTALJI TAL-PROBLEMA | Kif tinduna li ġejja r-rebbiegħa? | L-għasafar meta jerġgħu lura magħna? X'perikli jaffaċċjaw l-għasafar tal-passa? L-għasafar kif itiru? |
|---|---|---|
| **Attivitajiet fil-kampanja** | It-tfittxija għal sinjali li ġejja r-rebbiegħa tista' tkun avventura mimlija emozzjonijiet. Agħżel ġurnata fost il-ġimgħa u semmiha Ditektiv tar-Rebbiegħa **(S6/A/1-S6/A/5)**. Kull ġimgħa, f'dil-ġurnata oħroġ lit-tfal barra u uża dejjem l-istess rotta, ħares bir-reqqa lejn bidliet fl-ambjent. Ibda l-osservazzjonijiet tiegħek fit-tieni nofs ta Frar u ibqa' sejra sal-aħħar ta' April. Uri l-ewwel sinjali tar-rebbiegħa lit-tfal. Attenta meta toffri fjuri fraġli lit-tfal neqsin mid-dawl biex ma ssirilhom ħsara.<br><br>Waqt il-mixjiet ħares sewwa lejn fjuri – l-ewwel fjuri li jikbru huma dawk li jkunu mdakkra bir-riħ (wind-pollinated). Ewlenin fost dawk li jiddakkru bir-riħ huma ħaxix ta' qabil il-qamħ (Grasses): qasab, ħurtan, ħafur, millieġ, eċċ. Ukoll siġar koniferi bħal żnuber, ċipress, għargħar. Wara jiġu dawk imdakkrin mill-insetti. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jiddakkru bl-insetti huma l-ward imlewwen, u dak li jarmi xi riħa (mhux dejjem riħa tfuħ). Mal-fjuri, jibdew jidhru l-insett. Dan huwa ż-żmien meta l-għasafar jiġu lura. | |
| | | Intom u mexjin, ħarsu sewwa kif itiru l-għasafar. Hemm minnhom li jigglajdjaw bħall-bagħdan u hemm minnhom li jaqdfu bil-ġwienaħ bħal-Ħuttaf u z-zakak. |
| **Osservazzjonijiet u esperimenti li jistgħu jsiru ġewwa** | Flimkien mat-tfal, idisinjaw u oħolqu blog tal-klassi dwar ir-rebbiegħa, fejn tippubblikaw noti fuq dak kollu li osservajtu dwar ir-rebbiegħa. | Kif itiru l-għasafar? **(S6/B/1 – S6/B/2)**<br>• Introduċi l-proġett **SPRING ALIVE**<br>• lit-tfal billi tuża l-informzzjoni li ssib fuq din il-websajt (**www.springalive.net**). (Spring Alive huwa proġett internazzjonali li jiġbor informazzjoni dwar il-miġja tal-għasafar tal-passa mill-Ewropa, Asja Ċentrali u l-Afrika. Osservaturi jżommu ament taż-żmien li fih ipassu fir-rebbiegħa għasafar bħaċ-Ċikonja Bajda, id-Daqquqa Kaħla, ir-Rundun, il-Ħuttafa, il-Ħawwiefa tax-Xtut u l-Monakella Prima.<br>• Flimkien mal-istudenti tiegħek, iddeċiedu liema speċi ta' għasafar se tistennew jiġu lura. F'belt jkun eħfef tara r-Runduni, fis-suburbs iktar tara l-Ħuttaf u f'żoni rurali iktar tara għasafar bħad-Daqquqa Kaħla u l-Vjolin Safrani.<br>• Pinġi WANTED POSTER (**S6/B/3**) għal-għasfur li qed tistenna. Dendlu ma' postijiet fil-qrib.<br>• Agħżel post fil-bâr (neighbourhood) tiegħek fejn qed tistenna lill-għasfur jiġi lura (tista' ssaqsi lill-ġenitur jew gwardjan).<br>• KALENDARJU TAL-GĦASAFAR MIGRATORJI LI JIĠU LURA (**S6/B/4**) – Sib post fil-klassi u dendel il-kalendarju tal-għasafar li jiġu lura. L-irwol tal-għalliema huwa kruċjali għal dawk l-istudenti neqsin mid-dawl. Fejn possibli, sib l-għasafar mill-ħoss li jagħmlu biex tistaqsi lill-istudenti jiskopru għasafar li waslu dak il-ħin. Ftakar li l-istudenti li huma partially sighted jistgħu jużaw għajnejhom biex josservaw in-natura. |

*Continued next page....*

Erasmus+

| | | |
|---|---|---|
| **Attivitajiet artistiċi** | | **Logħba** – SIB ID-DIFFERENZI **(S6/B/5)** bejn speċi simili tal-għasafar (din l-attivita' sservi biex tiġbed l-attenzjoni tat-tfal lejn id-differenzi bejn l-għasafar li jiġu lura fir-rebbiegħa, fosthom ħsejjes differenti). |
| **Linguistic and written tasks** | Qwiel **(6/A/6)** dwar għasafar. | It-tfittxija għar-rebbiegħa tista' ssir fil-klassi. Iġbor numru ta' kotba, rivisti u albums u sib kompjuter bl-aċċess għall-internet. Flimkien mat-tfal fittex poeżiji, stejjer, press clippings, kif ukoll pitturi ta' artisti famużi u oħrajn li mhumiex, fejn jidhru għasafar jiġu lura fl-artijiet fejn ibejtu fir-rebbiegħa.<br><br>Ħu noti biex jiġu ppubblikati fuq il-blog. |
| **Opportunità għat-tagħlim fil-Matematika** | | Itlob lit-tfal joħorġu problem Matematiċi bbażati fuq l-għadd tar-rix. |
| **Logħob u kompetizzjonijiet** | | Ilagħbu logħba fuq l-mowbajl flimkien<br>Il-Passa – Il-perikli għall-għasafar (**S6/B/6**).<br><br>L-app jiffoka fuq il-passa tal-għasafar u l-perikli li jkun hemm jistennewhom tul il-migrazzjoni tagħhom. Huwa f'idejn l-għalliema jekk din l-attivita' ssirs ma tfal neqsin mid-dawl u dawk li huma partially sighted jew le.<br><br>Inkella, l-għalliema tista' toħloq diskussjoni mal-istudenti dwar perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-għasafar tal-passa. |

# DITEKTIV TAR-REBBIEGĦA

Stieden lit-tfal jipparteċipaw fit-tfittxija għar-rebbiegħa. Din il-logħba hija tfittxija sistematika għas-sinjali tar-rebbiegħa fiż-żona li għażiltu.

Aqsam lit-tfal fi gruppi żgħar, fejn hemm minn tal-inqas persuna waħda li tara sewwa (partially sighted jew persuna li tara sewwa).

Staqsi lil kull grupp isib sinjali tar-rebbiegħa. Ftakar li trid tkun preċiża u ċara meta tispjega dak li jridu jaraw u jisimgħu: speċi ta' pjanti fir-rebbiegħa, speċi ta' għasafar fir-rebbiegħa, speċi ta' insetti, għanjiet ta' għasafar territorjali, riħa tal-fjuri.

L-istudenti jistgħu jimirħu u jieħdu noti ta' kull ma jsibu fuq iċ-Ċeklist tad-Ditektiv tar-Rebbiegħa (**S6/A/2**) jew f'xi forma valida oħra (jiktbu fin-nowtbuk, bl-użu tal-Brailee, Braille note-taker jew kompjuter).

Biex tgħinek fl-attivita' tista' tagħti handout tad-Ditektiv tar-Rebbiegħa fejn fiha jkun hemm tabella bl-aktar speċi komuni li tista' tfittex.

Hemm tliet midalji x'jintrebħu:

### MIDALJA TAD-DEHEB

- Din il-midalja tmur għand dak it-tim li jkun ġabar l-ogħla numru ta' sinjali tar-rebbiegħa.

### MIDALJI TAL-FIDDA U TAL-BRONŻ

- Dawn il-midalji jmorru għand dawk it-timijiet li jiġu t-tieni u t-tielet mill-ammont ta' sinjali li jkunu ġabru.



# ĊEKLIST GĦAD-DETEKTIV TAR-REBBIEGĦA

**Linji gwida għall-għalliema**

- Din hija attivita' li tista' ssir għal-lezzjoni waħda jew inkella fuq medda ta' żmien. Qis li l-istudenti jieħdu noti tal-osservazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe' mod jixtiequ huma: stampat, kitba f'nowtbuk, bl-użu tal-Braille, Braille note-taker u kompjuter.
- Dan it-taħriġ jservi bħala opprotunita' tajba biex titkellem dwar dakkara u ktajjen tal-ikel (food chains) mal-istudenti. Tkun idea tajba li tgħin lill-istudenti jżirigħu u jħawwlu iktar pjanti li jiġbdu d-dakkara.
- Għall-għasafar, tista' tuża ftit mill-ħsejjes li ssib fuq l-app tal-mowbajl "Meet the Birds" flimkien ma' stampi (ssibu fuq Google Play għall-mowbajls Android jew AppStore għal-mowbajls IOS). It-tfal jistgħu jisimgħu l-għanjiet/għajtiet ta' dwak l-għasafar.

## DITEKTIVS TAR-REBBIEGĦA

Ħu nota ta' dak li sibt/skoprejt – speċi ta pjanti u annimali li jidhru fir-rebbiegħa

| DATA TAL-OSSERVAZZJONI | IT-TEMP | PJANTI | INSETTI | GĦASAFAR |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

Erasmus+

# NISTGĦU NKEJLU R-REBBIEGĦA?

**Linji gwida għall-għalliema:** Ipprovdi għajnuna ma' tfal neqsin mis-smigħ, speċjalment meta jsibu pjanta li jridu jmissu għall-investigazzjonijiet. Wissi lit-tfal biex ikunu ġentili meta jmissu u jaqbdu l-pjanti.

## Dak li se jkollok bżonn

- Riga
- Karti fejn tikteb u xi ħaġa biex tikteb

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1 Sib pjanta fiż-żona tiegħek li qed tqum mir-raqda fir-rebbiegħa – eż. Siġra tat-tin u l-bużbież.

2 Ħu nota tad-data, il-kundizzjoni tat-temp u kejjel l-għoli tal-pjanta (kejjel mil-livell tal-ħamrija).

..............................................................................................................................................

Kemm hemm modi differenti li din il-pjanta se twarrad?

..............................................................................................................................................

3 Kejjel kull jumejn jew tlieta sakemm il-fjura tkun warrdet.

..............................................................................................................................................

..............................................................................................................................................

4 Tajjeb ħsibt inti? Ġara kif ħsibt inti?

..............................................................................................................................................

## Aħseb dwar:

- Fl-opinjoni tiegħek, x'kien li għen l-iktar biex il-pjanta kibret daqshekk malajr?
- Fil-bidu, minn fejn taħseb li l-pjanta ħabet is-saħħa biex tikber?

## Attivita' alternattiva

Saqsi mistoqsijiet dwar il-pjanta partikolari li sabu l-istudenti:

- Se tikber il-pjanta?
- Kemm se tieħu ġranet biex twarrad?
- Kemm se tkun kbira (il-qies)?

Żomm rendikont tat-tweġibiet tat-tfal u ladarba l-pjanta twarrad, erġa ippreżentaħhom lil tfal neqsin mid-dawl. Ikkumpara l-ħsibijiet li kellhom fil-bidu mal-fatti.

Wara, tkellmu dwar fatturi tajbin li jgħinu l-pjanti biex jikbru.

Erasmus+

# ID-DERBY TAR-REBBIEGĦA

**Linji gwida għall-għalliema:** Ipprepara lista bis-sinjali li juruna li waslet ir-rebbiegħa u ppreżentaħhom lit-tfal. Staqsi l-mistqosijiet li hawn, hawn isfel.

Meta tasal ir-rebbiegħa, erġa ġib it-tweġibiet tagħhom u ċċekkjaw jekk kellhomx raġun jew le. Għin lit-tfal jispjegaw għala dawn is-sinjali jidhru f'dik l-ordni speċifika.

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1 Immaġinak spettatur fid-Derby tar-Rebbiegħa, fejn fost il-kompetituri hemm:

- [ ] Fjuri mingħajr petali (mdakkra mir-riħ) bħar-Robbja jew l-Ispraġ Xewwiek.
- [ ] Fjuri kkuluriti bil-petali
- [ ] Insetti
- [ ] Ħuttaf
- [ ] Rundun

2 F'liema ordni se jiġu fl-aħħar tat-tellieqa? Liema sinjal tar-rebbiegħa se jidher l-ewwel u liema l-aħħar? Agħti numru lit-tweġibiet minn 1 sa 5 fil-kaxxi li hemm ħdejn il-kompetituri.

3 Agħmel field research (minn nofs Frar sa nofs April). Kellek raġun? Ġara kif ħsibt int?

## Aħseb dwar:

- Għala l-kompetituri spiċċaw f'dik l-ordni?

# DITEKTIVS TAR-REBBIEGĦA SHEET

**Linji gwida għall-għalliema:** Żomm in-numru ta' stampi (printjati jew tactile) ta' insetti, pjanti u għasafar sa mhux iktar minn tlieta jew erbgħa. Jekk ikun hemm iktar jaf iħawwdu lill-istudenti neqsin mid-dawl.

## PJANTI



(IM)

COMMON POPPY



(CK)

FENNEL



(IM)

CAPE SORREL



(IM)

BORAGE

# DITEKTIVS TAR-REBBIEGĦA SHEET

## GĦASAFAR


(JV)

SWALLOW


(JV)

EUROPEAN TURTLE-DOVE


(JV)

SWIFT


(JV)

BEE EATER JUAN VARELA

# DITEKTIVS TAR-REBBIEGĦA SHEET

## INSETTI


(MK)

FROG


(MK)

SWALLOWTAIL BUTTERFLY


(MK)

LADYBIRD


(MK)

HONEY BEE

# DITEKTIVS TAR-REBBIEGĦA SHEET

## NOTI DWAR IT-TEMP



SUN



RAIN



COLD



WARM

Erasmus+

# QWIEL

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1. Aqra dawn il-qwiel dwar l-għasafar:

- In-naspla saret u ċ-ċawla taret
  Nafu li n-naspli jimmatura f'April. Iċ-ċawl li sas-seklu dsatax kien komunissimu f'Malta kien jarma l-bejta tiegħu f'Marzu. F'April iċ-ċawla tkun biedet minn erba' sa sitt bajdiet. Sa 35 ġurnata wara dawn il-frieħ ikunu kapaċi jtiru. Dan ifisser li n-naspli jkun inħasad u ċ-ċawl ikun tar. Mela l-proverbju qiegħed jassigurana li r-rebbiegħa tkun waslet fi tmiemha u s-sajf qorob ġmielu.

- Meta jiġu l-pluvieri imbagħad jiġi l-maltemp riferenza għall-ewwel maltempati tal-istaġun. Il-pluviera tpassi fuq Malta minn Ottubru sa Marzu.

- Ċawla bajda qatt ma dehret
  Jiġifieri, l-impossibli qatt ma jseħħ.
- Għasfur f'idek aħjar milli mija fl-ajru
  Jiġifieri, l-aħjar li tkun kuntent bil-ftit milli tixtieq għal ħafna li huwa impossibbli li takkwista.

2. Iċċekkja jekk l-osservazzjonijiet tiegħek u l-qwiel jaqblu.

## Aħseb dwar:

- Minn fejn ġew dawn il-qwiel?
- Għala mhux dejjem jaqblu mal-verita'?

# IL-FORMA IMPORTANTI?

## X'se jkollok bżonn

- 3 biċċiet karti A4 (l-istess qies), bħall-karti tal-printers

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1 Kif tipprepara l-karta għall-esperiment:
   - Għaffeġ waħda mill-karti f'ballun.
   - Għaffeġ karta oħra.
   - Ħalli karta minnhom kif inhi.

2 Qabel ma t-tfal iwaddbu l-karta, ħeġġiġhom jaqtgħu liema se jaqgħu l-aħħar.

..........................................................................

3 Kif tagħmel l-esperiment:
   - Agħmel dan l-esperiment **f'kamra fejn hemm skiet perfett**.
   - Tlett itfal isibu posthom f'kantuniera differenti, kull wieħed/waħda b'karta kull wieħed. Ara li t-tfal neqsin mid-dawl jkunu jistgħu jsibu fejnhom dawn it-tfal billi jisimugħhom qabel ma jibda t-taħriġ.
   - L-għalliema għandha tassigura li kull tifel/tifla qed iżżomm il-karta fl-istess għoli bħall-oħrajn.
   - Meta l-għalliema tgħidilhom, it-tfal għandom jitlqu l-karta f'daqqa.
   - It-tfal l-oħra għandhom josservaw liema karta taqa' l-ewwel u liema l-aħħar

## Aħseb dwar:

- Għala dik il-karta dawet l-iktar biex taqa'?
- Taħseb li l-għasafar jużaw l-istess fenomenu biex itiru?
- X'tip ta' oġġett (ġugarell) tista' toħloq biex tagħmel użu minn dan il-fenomenu?

# LIEMA FENOMENU NATURALI JINTUŻA MIĊ-ĊIKONJI BIEX ITIRU?

**Linji gwida għall-għalliema:** Dan it-taħriġ jista' jieħu x-xejra ta' diskussjoni. L-għalliema tista' tfiehem lill-istudenti li meta jigglajdaw, iċ-Ċikonji jużaw il-fenomenu naturali ta' meta l-arja sħuna titla l-fuq imsejħa thermals.

Biex jigglajdaw, jeħtieġ li jinstabu kolonni ta' arja sħuna tiela' 'l fuq. L-għasfur jogħla fl-arja. Fi żmien ftit minuti, huma u jittajru fl-għoli f'dawn it-thermals jistgħu jittajjru tant 'il fuq li ma nkunux nistgħu narawhom.

L-għasafar iduru minn thermal għal ieħor.  F'każ ta' distanzi twal, għasafar bħaċ-Ċikonji jigglajdjaw bejn thermal u oħra biex ma jkollux għalfejn ixejjer ġwinħajh wisq u b'hekk jippreservaw l-ernerġija.





# ‘WANTED’ POSTER

**Linji gwida għall-għalliema:** Tista’ toħloq poster, ħabar (announcement), artiklu fil-gazzetta, messaġġ fuq ir-radju, post fuq il-medja soċjlai, eċċ. Dan jista’ jingħata bħala xogħol għad-dar. Qis li tagħti struzzjonijiet ċari.

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1. Oħloq WANTED poster għal għasfur li fir-rebbiegħa ġej lura minn fejn kien qed jqatta’ x-xitwa. Daħħal l-informzzjoni mniżżla hawn isfel.
2. Ehmeż il-poster man-notice board.

WANTED

Isem ta’ għasfur li qed tfittxu

..........................................................................................................................................

(Ritratt jew stampa tal-għasfur mfittex)

DESKRIZZJONI QASIRA TAL-GĦASFUR:

(Deskrizzjoni tal-karatteristiċi, l-apparenza, qies – ftakar, tajjeb li tikkumpara din l-informazzjoni ma’ għasafar li nafu sew, eżempju: l-għasfur fih daqs għasfur tal-bejt, il-kulur prinċipali tar-rix, karatteristiċi oħra – bħal: rasu griża, il-forma tal-ġwienaħ hu u jtir.)

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

WANTED MINĦABBA:

..........................................................................................................................................

Lil min nikkunttattjaw jekk naraw xi għasfur imfittex (wanted)





# KALENDARJU TAL-GĦASAFAR TAL-PASSA LI JIĠU LURA

**Linji gwida għall-għalliema**: Bħala klassi nistgħu noħolqu kalendarju tal-għasafar migratorji li jiġu lura. L-għajnuna tal-għalliema hija essenzjali jekk hemm tfal neqsin mid-dawl fil-klassi. Fejn possibli, identifikaw għasafar mill-ħsejjes li jagħmlu biex tgħinhom jidentifikaw dawk li għadhom kif waslu. Ftakar li studenti li huma partially sighted jistgħu jużaw għajnejhom biex josservaw in-natura.

Ir-rebbiegħa huwa ż-żmien meta l-għasafar tal-passa jiġu lura mill-btala tax-xitwa. Uħud minnhom jiġu lura bit-tnaqniq (squawking) u jagħmlu ħafna storjbu filwaqt li oħrajn jidħlu bil-ħarba bl-aktar mod kwiet u ma tantx tinduna bihom.

Bħala grupp, isimgħu, ħarsu bir-reqqa u ħudu nota fuq il-kalendarju ta' dak li ssibu.

| DATA TAL-ISKOPERTA | GĦASFUR | FEJN DEHER/ INSTEMA' | IMĠIEBA |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

**Eżempju:**

| DATA TAL-ISKOPERTA | GĦASFUR | FEJN DEHER/ INSTEMA' | IMĠIEBA |
|---|---|---|---|
| 1 ta' Marzu | Wiżż selvaġġ | Jien u miexja | Itiru b'għamla ta' "V" u jtawtu (honking) |





# SIB ID-DIFFERENZA FI SPEĊI LI HUMA SIMILI TA' XULXIN

**Linji gwida għall-għalliema:** Mal-istudenti, tista' tiffoka fuq il-ħsejjes differenti li ssib fuq l-app "Meet the Birds" (li tista' ssib fuq Google Play għal Android jew fuq AppStore għal IOS). Saqsi lit-tfal jiddeskrivu l-ħsejjes bil-kliem (high-pitched, eċċ.)

Tista' wkoll tuża mudelli jew jipprpara embossed pictures minflok stampi printjati.

## Mistoqsijiet u attivitajiet

**1** Sib id-differenzi bejn Rundun u Ħawwiefa:



(JV)

RUNDUN



(JV)

ĦAWWIEFA

**2** Sib id-differenzi bejn Ħuttafa u Ħawwiefa:



(JV)

ĦUTTAFA



(JV)

ĦAWWIEFA

# SIB ID-DIFFERENZA FI SPEĊI LI HUMA SIMILI TA' XULXIN

## Mistoqsijiet u attivitajiet

**1** Sib id-differenzi bejn Grawwa u Ċikonja Bajda:




GRAWWA




ĊIKONJA BAJDA

**2** Sib id-differenzi bejn Grawwa u Ċikonja Bajda (huma u jtiru):




GRAWWA




ĊIKONJA BAJDA

Erasmus+

# SIB ID-DIFFERENZA FI SPEĊI LI HUMA SIMILI TA' XULXIN

## Mistoqsijiet u attivitajiet

**1** Sib id-differenzi bejn Alwetta u Venewwa:




ALWETTA




VENEWWA

**2** Sib id-differenzi bejn Alwetta u Venewwa (huma u jtiru):




ALWETTA




VENEWWA

# IL-PASSA – IL-PERIKLI GĦALL-GĦASAFAR

L-għalliema tista' tiggwida diskussjoni mal-istudenti dwar xi perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-għasafar li ġejjin lura. Bħala xogħol tad-dar tista' titlob lill-istudenti biex ifittxu informazzjoni fuq l-internet jew sorsi oħra.

Nissuġerixxu wkoll li l-għalliema tuża l-app "Migration of Birds" fuq l-ismartphone, (li tista' ssib fuq Google Play għal Android jew fuq AppStore għal IOS. Din l-app tiffoka fuq il-passa tal-għasafar u l-perikli li jkunu qed jistennewhom billi tieħu dawn il-ħames speċi bħala eżempji: Ċikonja Bajda, Rundun, Qerd in-Naħal, Daqquqa Kaħla u Ħuttafa. L-għalliema tiddeċiedi kif u jekk tużax l-app jew le ma' studenti neqsin mid-dawl u ma' dawk li huma "partially sighted".




Erasmus+

These materials for teachers working with blind and visually impaired children have been prepared within the project "Seeing the World Through Nature." These are based on the educational resources that resulted from the project "Empowering Teachers and Pupils for a Better Life Through Nature," and the suggestions contained therein have been adapted to work with children with impaired vision in order to enable them to learn as much as possible about nature through direct contact with it.

Non-governmental organisations involved in bird protection, partners in international federation BirdLife International, participated in the project. The Polish Society for the Protection of Birds (OTOP) was the leader of this educational initiative, which also involved the associations BirdWatch Ireland, BirdLife Malta and BirdLife Cyprus. The Polish Association for the Blind was the partner cooperating in the field of adaptation of source materials for the needs of teaching blind and visually impaired children.

Both projects were carried out with the financial support of the European Commission (Erasmus+ programme).

## AUTHORS:

**CONCEPT AND TEXT OF MATERIALS PREPARED WITHIN THE FRAMEWORK OF THE PROJECT, "EMPOWERING TEACHERS AND PUPILS FOR A BETTER LIFE THROUGH NATURE":**
Iwona Majcher
Katarzyna Rosińska
Ryta Suska-Wróbel

**COVER DESIGN AND GRAPHICS ON THE COVER:**
Wiktor Tabak

**ILLUSTRATIONS:**
Juan Varela (JV)
Marek Kołodziejczyk (MK)

**PHOTOGRAPHS:**
Bogdan Moczarski (BM)
Cezary Korkosz (CK)
Iwona Majcher (IM)
Jadwiga Moczarska (JM)
Karolina Kalinowska (KK)
Łukasz Zdyb (ŁZ)
Natalia Kann (NK)
Pixabay (px)



BIRDWATCH IRELAND is the largest independent conservation organisation in Ireland. A registered charity, its aim is the conservation of wild birds and their natural habitats. It has over 15,000 members and a network of 30 local branches. It manages nature reserves which protect threatened habitats and their wildlife, works to conserve Ireland's biodiversity, and carries out education, survey and research work. For more information, go to www.birdwatchireland.ie

